*Irkejjen storiċi*

# L-annimali fil-pre-istorja ta' Malta

Is-suġġett tal-pre-istorja hu interessanti ħafna. Għalkemm hu perijodu li ħafna nies ma tantx jifhmuh għax ħlief bini u xejn kitba ma ssibx. Iżda fil-verità llum il-ġurnata l-arkeoloġija tant ħadet spinta 'l quddiem, li wieħed ma jistax jimmaġina li ma jkunx hemm dettalji mill-istudji li jsiru. Wieħed jifhem ukoll li minħabba l-attenzjoni li qiegħda tingħata lil dan il-perijodu, allura nistgħu nidħlu f'ċertu dettalji li qabel ma tantx konna nkunu nistgħu nagħmlu.

***minn Vincent ZAMMIT***



*Dettalji tad-disinni li nstabu fit-temppju ta' Ħal Tarxien*

Fost l-affarijiet li wieħed jista' jitkellem dwarhom fil-pre-istorja huma l-annimali. Dan is-suġġett jista' jittieħed minn diversi angoli. Mhux għax hemm biss l-aspett ta' x'tip ta' annimali wieħed jista' jsib li kienu jiġu użati minn dawn in-nies. Iżda nistgħu nitkellmu wkoll dwar x'tip ta' annimali kienu juru fuq il-fuħħar tagħhom. Barra minhekk wieħed jista' jitkellem ukoll dwar is-simboliżmu li nsibu fl-użu ta' l-annimali.

Il-pre-istorja Maltija hi mimlija mhux ħażin b'dawn id-dettalji. L-artiklu tal-lum hu mmirat biex forsi kulmin imur iżur il-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija jkun jista' jifhem ftit mid-dettalji li jkun qiegħed jara quddiemu. Hemmhekk wieħed għandu jara mhux biss għadam ta' annimali, iżda fuħħar b'disinji ta' annimali fuqu, kif ukoll figurini ta' annimali.

### Għadam ta' l-annimali

Is-sejba ta' għadam ta' annimali fid-diversi postijiet li jkunu tħaffru hu indikazzjoni li wieħed ikun jaf x'tip ta' annimali kellhom dawn in-nies. Fejn instabu l-fdalijiet ta' l-annimali fil-gżejjer Maltin?

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-postijiet li jassoċja ma' dan il-perijodu, allura malajr nindunaw li l-aktar li hemm huma postijiet li kellhom x'jaqsmu mar-reliġjon.

Kulħadd sema' bit-tempji ta' Ħal Tarxien, Ħaġar Qim, L-Imnajdra, Il-Ġgantija u oħrajn. F'dawn it-tempji ma nstabx biss fuħħar imkisser, iżda anki fdalijiet ta' annimali. Mit-tempju ta' Ħal Tarxien kienu nstabu biċċiet ta' għadam f'post partikulari.

Fit-tielet tempju ta' Ħal Tarxien, naraw artal imżejjen ħafna. Fil-faċċata ta' dan l-artal, li llum jinsab merfugħ fil-Mużew li semmejna aktar 'il fuq, hemm parti minnu li hi maqtugħa. Din kienet saret hekk apposta, ħalli dawk li jagħmlu użu mit-tempju setgħu jużaw fuq wara ta' din il-ġebla.

Fil-fatt, meta Sir Temi Zammit kien qiegħed jiskava dan il-post, kien irnexxielu jsib mhux biss fuħħar, iżda anki biċċiet ta' għadam. Minn studju ta' l-istess għadam hu maħsub li kien hemm fdalijiet ta' ngħaġ, mogħoż, barrin, kif ukoll par qrun ta' ċerva.

Skond l-istess Zammit, minħabba li l-post fejn instabu dawn l-għadam kien fuq ġewwa ta' artal, kien maħsub li wara li jsir is-sagrifiċċju ta' l-annimal, parti minnu kienet tinżamm u titpoġġa fuq ġewwa ta' l-artal. Barra minhekk tajjeb ngħidu li eżatt wara l-istess ġebla li tinqala' kien hemm sikkina.

Forsi hawnhekk semmejna biss post partikulari fejn kienu nstabu fdalijiet ta' għadam ta' annimali. Iżda fit-tempji preistoriċi ta' Ħal Tarxien instabu diversi fdalijiet oħrajn, naturalment f'postijiet differenti. Dan il-fatt jidher li kien meħud bħala prova li n-nies li kienu bnew it-tempji kienu joffru bħala sagrifiċċji annimali li kienu jkabbru huma stess.

Mill-fdalijiet naraw dettal ieħor interessanti. Ma nstabux għadam ta' ħnieżer, ħlief fil-livelli ta' żmien il-Bronż, meta allura n-nies kienu differenti minn dawk li bnew it-tempji. Dan jista' jfisser li għalkemm in-nies kienu bdiewa xorta waħda ma kinux irabbu l-ħnieżer bħala annimal domestiku. L-uniċi fdalijiet li nstabu kienu n-nejbiet tal-ħanżir selvaġġ.

### Rappreżentazzjonijiet ta' annimali

Barra mill-għadam wieħed jista' jara wkoll diversi annimali murija fuq ġebel imnaqqax, jew inkella fuq ħitan. Għalkemm f'dan il-kumpless hemm il-fdalijiet ta' erba' tempji, l-aktar tempju dekorat u li għandu x'joffri għat-tema tagħna tal-lum, hu dak magħruf bħala t-tielet tempju.

Dan ifisser li hu l-ewwel wieħed hekk kif tidħol fil-kumpless (għal aktar tagħrif dwar it-tempji preistoriċi ta' Ħal Tarxien ara, *il-mument,* 18 ta' Jannar, 1998, fl-istess rubrika).

L-annimali kienu jiġu murija l-aktar fuq il-ġebel, imnaqqxin. Għalkemm hemm dawk li għadhom sal-ġurnata ta' llum joffru diversi interpretazzjonijiet, minħabba li mhux id-dettalji kollha huma ċari, fl-istess ħin hemm oħrajn li m'hemmx dubju ta' x'qegħdin juru.

F'waħda mill-kmamar tal-ġnub ta' dan it-tielet tempju hemm żewġ ġebliet imnaqqxin b'numru ta' annimali. Filwaqt li dawk il-ġebel li hemm fit-tempji ta' Ħal Tarxien huma l-kopji, dawk li naraw fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija huma l-oriġinali.

Fuq waħda minn dawn il-ġebel hemm murija sitt annimali. Quddiemnett hemm muntun, imba-għad hemm ħanżir u warajhom hemm erba' nagħġiet jew mogħoż. Jekk wieħed jagħti ħarsa sew lejn dawn ir-rappreżentazzjonijiet malajr jinduna kemm min kien iddisinjahom kien jaf eżattament x'qed jagħmel.

Barra minhekk żgur kien bniedem tas-sengħa. Il-ġebla l-oħra turi numru akbar ta' annimali. Fil-fatt naraw li hemm 22 ngħaġ jew mogħoż. Dawn qegħdin murija fuq żewġ linji, u f'kull waħda hemm ħdax. Kollha qegħdin iħarsu l-istess naħa, jiġifieri daqslikieku sejrin lejn l-artal tas-sagrifiċċju.

Minn studju li kien għamel Sir Temi Zammit hu maħsub li dawn l-annimali huma kollha maskili. Barra minhekk huma tipi ta' annimali li għalkemm jinsabu f'pajjiżi oħra tal-Mediterran, illum il-ġurnata ma jinsabux aktar hawn Malta. Iżda jidher li f'dak iż-żmien kienu preżenti minħabba l-fatt li l-fdalijiet tal-qrejjen li nstabu waqt l-iskavi huma maħsuba li kienu ta' dan it-tip ta' annimali.

F'naħa oħra tat-tempju hemm imbagħad passaġġ li jwassal għall-aħħar tempju li kien inbena f'dawn l-inħawi. Rokna minn dan it-tempju hi interessanti minħabba l-ġebel kbir li hemm u li fuqhom hemm imnaqqxin annimali. Sfortunatament dawk li naraw illum fit-tempji ta' Ħal Tarxien huma l-oriġinali, u għalhekk dawk li naraw fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija huma l-kopji. Dan hu dovut għall-fatt li l-ġebel huma ħafna fraġli u għalhekk ma kienx possibbli jittieħdu l-Mużew.

L-ewwelnett tajjeb ngħidu li skond ir-rapporti ta' Temi Zammit din il-kamra kellha saqaf, u meta ġiet skavata hu sabha mimlija għadam ta' l-annimali. Iż-żewġ ġebliet kbar li hemm u li għandhom l-annimali mnaqqxin fuqhom huma impressjonanti. Fuq waħda minn-hom hemm riljiev ta' barri. Fuq il-ġebel l-ieħor hemm ukoll tlettax-il sinjal. Dawn is-sinjali m'humiex wisq ċari, u għalk-emm hemm diversi teoriji x'jistgħu juru, mhux kulħadd jaqbel magħhom.

Hu minnu li hawnhekk għandna annimali li qegħdin jirrappreżentaw it-tipi ta' dawk li kienu jiġu offruti għas-sagrifiċċji. Iżda jista' jkun ukoll, u hemm probabbiltà kbira li hekk hu, li dawn l-annimali huma simbolu wkoll tal-fertilità. Il-barri hu marbut mal-virilità tar-raġel, filwaqt li l-ħanżira tirrappreżenta l-fertilità tal-mara. B'hekk, bis-simboliżmu naraw li kienu qegħdin juru li l-fertilità taż-żewġ persuni kienet importanti għalihom. Fl-istess ħin wieħed jinduna kemm dawn in-nies kienu jinnutaw dettalji li forsi llum aħna ma nagħtux kas ta' kemm kienu osservanti dawn in-nies preistoriċi.

Minn dawn il-ftit dettalji wieħed jista' jinnota aktar affarijiet dwar dawn in-nies. F'appuntamenti oħra nippruvaw naraw x'hemm aktar f'dawn it-tempji, ħalli b'hekk l-istampa tkompli tiċċara l-ħidma tal-bennejja tat-tempji ta' Ħal Tarxien.